MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Numru 448/2000

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND D'ANASTAS**

**VS**

**DOUGLAS AXISA**
**LUCIANO GALEA**
**ALEXANDER ZAMMIT**

**Illum 5 ta' Marzu 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Douglas Axisa ta’ 21 sena, bin Ronald u Marianne nata Camilleri imwieled Pieta’ fid-19 ta’ Awissu 1980 u residenti 125, Flat 2, St. Nicholas Street, Valletta, bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 441380M;

U kontra Luciano Galea ta’ 28 sena, bin David u Maria Assunta nata Vella imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Ottubru 1973 u residenti

130, St. Nicholas Street, Valletta bin-numru tal-karta ta’ l-Identita’ 479773 M;

U kontra Alexander Zammit ta’ 32 sena bin Victor u Carmen nata Debono, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Novembru 1969 u residenti Flat 6, 26, Hospital Street, Valletta, bin-numru tal-karta ta’ l-Identita’ numru 473169M;

Talli fis-27 ta’ Mejju 2000 ghall-habta tat-tlieta ta’ filghodu gewwa l-Havana Bar sitwat fi Triq San Gorg Paceville, San Giljan, u/jew fl-istess Triq, volontarjament ikkagunaw feriti gravi fuq il-persuni ta’ Franco Busnelli, Igor Alessandro Moltrasio u Giuseppe Santanocito, persuni ta’ Nazzjonalita’ Taljana, u dan skond kif iccertifika it-Tabib Dr. Mark Xuereb MD, tal-Isptar San Luqa.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew ghall-imsemmija persuni sabiex jigurjawhom, idejquhom jew jaghmlulhom hsara u li aktar talli bil-lejl kissru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’xi mod iehor.

Wara illi rat l-Artikoli 214, 215, 216(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(c)(d), 338(dd), 339(l)(d) tal-Kodici Kriminali;

Ikkonsidrat:

Illi dana l-incident, jikkoncerna incident li inqala' gewwa l-Havana, gewwa Paceville, fit-3 ta' filghodu fejn erbat irgiel, ta' nazzjonalita' Taljana, allegaw li sfaw imsawwta, minn, fost ohrajn, dawn it-tlett imputati li qieghdin jirrispondu ghal dawn l-akkuzi.

Illi wiehed ghandu jibda dina l-analasi billi wiehed jikkommenta dwar il-mod, xejn tradizzjonali, kif dana l-incident gie, originarjament investigat.  Wiehed ghandhu, ta' bilfors, jikkommenta dawn is-segwenti punti:

1) L-ebda statements ta' l-imputati ma ttiehdu stante illi, fil-mument il-computer ta' l-Ghassa ta' San Giljan ma kienx qieghed jahdem.

2) Qatt ma saret identification parade, izda semplicement gew imsejjha l-impjegati kollha tal-Havana li gew, sussegwentement, identifikati mit-Taljani.

3) Qatt ma' ttiehdu in konsiderazzjoni l-feriti, semmai mhux ta' natura serja, li gew sofferti mill-istess imputati u li ghalihom gew ezebiti d-debiti certfikati medici;

Illi, per di piu, wiehed ghandhu jikkommenta illi wiehed mit-Taljani Giuseppe Santanocito, qatt ma nstab u kwindi qatt ma' ttella' fuq il-pedana tax-xhieda.  Ghalhekk dawk l-akkuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputati odjerni fil-konfront ta' Sananocito ma jistghux, legalment, jissussistu, ghaliex ma jistghu qatt jigu ppruvati minghajr x-xhieda viva voce ta' l-istess Santanocito.

Illi l-istess wiehed ghandhu jghid dwar ix-xhieda ta’ Igor Moltrasio, illi fix-xhieda tieghu, irrakkonta l-origini tal-glieda bejn siehbu, wiehed Taljan mhux maghruf u guvni Malti, liema glieda iddegenerat fit-tfiegh ta’ flixkun gewwa l-Havana.  Izda

dana x-xhud, waqt li jidentifika biss lill-imputat Douglas Axisa bhala l-impjegat tal-Havana illi originarjament appartah u qallu biex jitlaq mill-Havana, izda illi ma refax idejh fuqu u lill-imputat Luciano Galea bhala wiehed mill-imputati illi kellu xi jghid mal-assenti Giuseppe Santanocito u li taghha qatt ma’ jista’ jinstab hati, stante illi l-istess Santanocito naqas milli jaghti x-xhieda tieghu viva voce, ma jiddentifika lil hadd iehor stante illi huwa jallega illi xi hadd qabdu minn ghonqu u wara illi inheles minn siehbu, Franco Busnelli, spicca ma’ l-art jaqla’ l-“pedate”. Min kienu dawn in-nies, huwa ma huhiex fi grad li jidentifikhom.

Wiehed ghandhu wkoll jezamina x-xhieda ta’ Franco Busnelli.  Dana jibda x-xhieda tieghu billi jidentifika lill-imputat Axisa bhala l-bniedem li refgha idejh fuq Giuseppe Santanocito.  Terga’ tirripeti l-Qorti illi gja la darba dana x-xhud ma rnexxilhux jaghti t-testimonjanza tieghu “viva voce”, dana l-imputat ma jistghax jigi misjub hati ta’ dana u dana ghas-segwenti ragunijiet:

1) Illi l-allegazzjoni trid tigi kkonfermata mix-xhieda viva voce;

2) Illi ma ngabitx il-prova ta’ gravita’.

Jidentifika biss lill-imputat Alexander Zammt bhala l-membru ta' Security li kellu dirghajh madwar ghonq Igor Moltrasio u dana x-xhud jammetti, illi:

*"mi sono buttato e ho lavato le mani dal braccio. Quando sono arrivato non e' che ha opposto resistenza perche' si vedeva che, anche lui, era rimasto anche un po impaurito*

*quando sono arrivato…………………………………………… sono caduto per terra a rotolare."*

Jidentifika lill-imputat Luciano Galea bhala l-membru tas-Security li waddbu l-barra mill-Havana.

Dana x-xhud ukoll jirrilaxxa l-fatt illi l-membri tas-Security tal-Havana involuti f'dana l-incident kienu hafna iktar minn dawn it-tlieta u illi l-grupp Taljani kienu komposti minn erbat irgiel.

Wiehed ghandhu jiehu kollox in konsiderazzjoni. Il-Hin tat-tlieta, tlieta u nofs ta' filghodu, ix-xorb, id-dawl soffuz tad-diskoteka, l-musika u l-fatt importanti illi, qabel ma gew imkeccija mil-lokal kien hemm rissa jew glieda bejn it-Taljani u xi Maltin prezenti, wiehed ghandhu wkoll jiftakar illi x-xoghol tas-Security gewwa diskoteka huwa, precisament, dan, li jzommu l-ordni gewwa l-istabbiliment fejn huma jahdmu u jkeccu lil dawk, illi, fil-fehma taghhom, ikunu l-kagun ta' inkwiet u perikolu ghat-trankwilita' ta' l-istess post. Wiehed m'ghandhux juza, illi precedentament, ghal dana l-incident kien hemm incident iehor fejn kienu wkoll involuti t-Taljani, incident fejn ukoll setghu garbu l-feriti sofferti stante illi jidher illi l-intervent

ta’ Galea u Zammit kienu biss limitati ghat-tkeccija tat-Taljani minn gewwa l-Havana u dana skond l-istess testimonjanza tax-xhud Busnelli.

Wiehed, ghalhekk, ghandhu biss ix-xhud Busnelli, bhala xhud okulari, li jista’ jidentifika lil xi imputati bhala komponenti ta’ dina r-rissa. Izda wiehed ghandu jzomm f’mohhu illi l-membri tas-Security gewwa diskoteka, ghandhom id-dmir illi jzommu l-

ordni, ovvjament, fil-parametri rikjesti mil-ligi u skond l-istess ligi. L-intervent ta’ Axisa jidher li kien wiehed pacifiku. Dak ta’'Galea u Zammit limitat ghal skorta barra l-Havana wara glieda bejn dawn l-istess Taljani u xi Maltin prezenti. Stramb il-fatti illi l-kwerelanti ma marrux dritt jaghmlu rapport il-Pulizija, izda irritornaw gewwa l-lukanda taghhom u kien l-ghada biss, wara li marru fuq il-lant tax-xoghol taghhom illi min kien responsabbli ghalihom gaghlhom jaghmlu r-rapport mal-Pulizija.

Illi huwa l-Artikolu 237 tal-Kapitolu 9 u cioe’ dak ta’ rissa illi ma jpoggix l-oneru tal-prova tal-mens rea ghal feriti gravi fuq il-Prosekuzzjoni, izda semplicement prova ta’ partecipazzjni f’rissa. Izda, n-nota ta’ l-Avukat Generali ta’ l-10 ta’ Dicembru 2001, ma’ tillistjax dana l-Artikolu. U wiehed ghandhu jghid illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex iggib il-prova individwali tal-mens rea.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ma’ tistax issib htija u qeghda tillibera lill-imputati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------